**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Mejju, 2019

Rikors Nru : 253/18AL

A B

Vs

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremetta :

1. Illi l-kontendenti żżewwġu fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ, hawn annessa, esebita u mmarkat bħala **DOK. JC1**, u minn dan iż-żwieġ kellhom zewgt

itfal - D, li llum ghandha 21 sena, u E li ghandu 17-il sena, u li jilhaq l-eta` maggorenni f'Ottubru 2018.

2. Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in Atti Nutar Dottor Erika Vella datat sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kif jidher minn kopja tal-kuntratt hawn anness, esebit u mmarkat bħalha **DOK. JC2**.

3. Illi kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, illi l-esponenti ihallas manteniment lill-mara u jipprovdi manteniment ghal ibnu 'in kind', u jikkontribwixxi ghall-ispejjez edukattivi u medici tieghu. Ma hemm ebda pendenzi dwar manteniment bejn il-partijiet.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi għalhekk il-kundizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom.

6. Illi l-esponenti qed jikkonferma dan kollu bil-gurament tieghu permezz ta' affidavit, li jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala **DOK JC3**.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Tippronunzja x-xoljiment taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet;

b) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, entro terminu determinat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' C B li permezz taghha esponiet :

1. Illi fl-ewwel lok jinghad li mhux kontestat li l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Erika Vella tas-7 ta' Dicembru 2005 u lanqas m'huwa kontestat li miz-zwieg tal-partijiet twieldu zewg ulied;

2. Illi l-esponenti mhix behsiebha toggezzjona ghat-talba ta' zewgha ghall-ottjeniment tad-divorzju; madanakollu jigi rilevat illi l-premessi mressqa mir-rikorrent mhumiex veritieri u dan ghar-ragunijiet illi ser isegwu;

3. Illi ghall-kuntlarju ta' dak li jghid ir-rikors promotur, ir-rikorrent qatt ma vversa l-manteniment dovut lill-martu fis-somma ta' Lm 10 fix-xahar;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u b'zieda mal-istess jinghad ukoll illi l-bint Christina ilha circa 5 snin tghix mal-omm, u kien biss minn madwar sentejn ilu 'l hawn li r-rikorrent beda jivversa s-somma ta' LM 10 fix-xahar ghall-bzonnijiet taghha, filwaqt li hemm arretrati ta' spejjez ta' sahha u edukazzjoni;

5. Illi jinghad ukoll, illi fir-rigward tal-wild E dan baqa' jabita gimgha ma' kull genitur, b'mod alternat sa Frar 2018; b'dana illi minn dik id-data 'il quddiem, huwa beda jabita mal-Omm b'access versu l-Missier. Filwaqt li l-ispejjez edukattivi tal-wild jirrizulta li thallsu, ir-rikorrent qatt ma hallas manteniment mensili ghall-istess wild;

6. Illi ghaldaqstant l-esponenti ser tipprocedi b'medjazzjoni u proceduri godda biex ikun hemm tibdil fil-kuntratt ta' separazzjoni

tal-kontendenti, biex jirriflettu c-cirkostanzi tal-partijiet, inkluz il-hlas ta' manteniment dovut mir-rikorrent, anke ghall-ulied.

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dal-istadju a savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti kollha illi ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Mejju, 2018;

Rat illi sussegwentement l-intimata rtirat l-oġġezzjoni tagħha sabiex jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi l-partijiet ftehmu dwar l-arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrenti lill-intimata;

Rat in-nota tal-intimata li permezz tagħha talbet lill-Qorti biex tiġi awtorizzata tirriverti għall-kunjom xbubitha, ossia "F";

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Dicembru, 2015;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tavza wkoll lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-tibdil fil-kunjom tal-intimata, fis-sens li minflok "C B" hija issa se tassumi l-kunjom "Montesin" u għalhekk tkun magħrufa bħala "C F".

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.